


€17.5 biljun biex ħadd ma jibqa' lura fuq it-triq lejn ekonomija ekoloġika



©Bilanol/Adobe Stock

Il-Fond ser jgħin il-pajjiżi UE jindirizzaw l-impatt tat-tranżizzjoni lejn in-newtralita tal-karbonju. ©Bilanol/AdobeStock

II-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta se jgħin lill-pajjiżi tal-UE jindirizzaw l-impatt soċjali u ekoloġiku tat-tranżizzjoni lejn in-newtralitā klimatika.

- Enfasi partikolari fuq ir-reġjuni l-inqas żviluppati, ir-reġjuni ultraperiferiċi, u l-gżejjer
- Impenn għan-newtralitā klimatika sal-2050 bħala kundizzjoni għall-appoġġ finanzjarju
- Investimenti relatati mal-incipierazzjoni tal-iskart u mal-fjuwils fossili huma eskuuzzi mill-għotjiet
- "Mekkaniżmu ta' Premjar Ekoloġiku" għall-aktar Stati Membri li jieħdu azzjoni malajr

Il-pakkett jinkludi €7.5 biljun mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 u €10 biljun mill-Instrument tal-UE għall-Irkupru. Biex ikunu eliġibbli, il-proġetti jridu jiffukaw fuq id-diversifikazzjoni

ekonomika, ir-rikonverżjoni jew il-ħolqien tal-impjieg, jew iridu jikkontribwixxu għal tranżizzjoni lejn ekonomija Ewropea sostenibbli, newtrali għall-klima u ċirkolari.

Il-Fond għal Tranżizzjoni ġusta (JTF) se jiffinanzja għajnuna fit-tifx tal-impjieg, fit-titjib tal-ħiliet u t-taħbi mill-ġdid, kif ukoll l-inklużjoni attiva tal-ħaddiema u tal-persuni li qed ifittu impieg hekk kif l-ekonomija tal-Ewropa xxaqleb lejn in-newtrali klimatika. Se jgħin ukoll il-mikrointrapriżi, l-inkubaturi tan-negozju, l-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' riċerka pubblika, kif ukoll investimenti f'teknoloġiji ġodda għall-enerġija, fl-effiċjenza enerġetika u l-mobilità lokali sostenibbli.

L-inċinerazzjoni tal-iskart mhux se tirċievi għajnuna permezz tal-JTF. Lanqas mhuma se jirċievu għajnuna d-dekummissjonar u l-bini ta' impjanti tal-enerġija nukleari, attivitajiet marbuta mal-prodotti tat-tabakk u investimenti relatati mal-fjuwls fossili.

Fil-pjanijiet tagħhom għal tranżizzjoni ġusta, l-Istati Membri jridu jidentifikaw it-territorji tagħhom li ġew milquta l-aktar mit-tranżizzjoni tal-enerġija u jridu jikkonċentraw fuqhom ir-riżorsi tal-JTF li jirċievu. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-karatteristiċi partikolari tal-gżejjer, taż-żoni insulari u tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Fuq inizjattiva tal-Parlament, se jiġi introdott fil-JTF "Mekkaniżmu ta' Premjar Ekoloġiku" jekk ir-riżorsi tal-fond jiżdiedu wara l-31 ta' Diċembru 2024. Dawn ir-riżorsi addizzjonal se jitqassmu fost l-Istati Membri, u dawk li jirnexxielhom inaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra industrijali jirċievu aktar fondi.

Aspetti ewlenin oħra tar-regolament

- L-aċċess għall-JTF għall-Istati Membri se jkun jiddependi fuq jekk jadottawx l-impenji fuq livell nazzjonali biex jilhqo n-newtrali klimatika sal-2050. Qabel l-adozzjoni ta' din il-mira, l-Istati Membri se jkunu intitolati għal 50% biss tal-allokazzjoni nazzjonali tagħhom;
- Negozji f'diffiċċità finanzjarja jistgħu jirċievu għajnuna skont ir-regoli temporanji tal-UE dwar l-għajnejha mill-Istat li ġew stabiliti biex jindirizzaw ċirkostanzi eċċeżżjoni;
- Jistgħu jiġu trasferiti riżorsi minn fondi oħra ta' koeżjoni fuq bażi volontarja;
- Il-proporzjon ta' investimenti mogħtija mill-finanzjament tal-UE (kofinanzjament) huwa stabbilit fuq massimu ta' 85% għar-reġjuni l-inqas żviluppati, 70% għal reġjuni fi tranżizzjoni u 50% għal reġjuni aktar żviluppati.

Il-proposta ġiet adottata nhar it-Tlieta b'615 vot favur, 35 kontra u 46 astensjoni.

L-isfond

Il-Fond għal Tranżizzjoni ġusta (JTF) huwa l-ewwel pilastro tal-[Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni ġusta](#), għodda ewlenija biex jiġu meħejna reġjuni, industriji u ħaddiema li huma mistennja jiffaċċċaw l-akbar sfidi li joħorġu mill-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-leġiżlaturi laħqu ftehim politiku proviżorju fuq il-JTF fid-9 ta' Diċembru 2020. Ladarba l-Kunsill ikun adotta dan il-patt b'mod formal, ir-regolament se jidħol fis-seħħi fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħi fil-Ġurnal Ufficijal tal-UE.

Għal aktar informazzjoni

Tappi fil-proċedura

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

It-test adottat sejkun disponibbli hawnhekk (19.05.2021)

L-allokazzjoni tal-Fond ta' Tranżizzjoni ġusta skont kull stat membru u l-metodu ta' allokazzjoni

Stqarrija għall-istampa wara l-ftehim interistituzzjonali (09.12.2020)

Stqarrija għall-istampa dwar il-ftehim għal Faċilità ta' Self għas-Settur Pubbliku ġidha (26.04.2021)

Fajl dwar il-proċedura

Kuntatti

Márcia BIZZOTTO

Press Officer

📞 (+32) 2 28 32198 (BXL)

📱 (+32) 487 89 28 74

✉️ marcia.bizzotto@europarl.europa.eu

✉️ region-press@europarl.europa.eu

🐦 [@EP_Regional](#)



Servizz ta' I-Istampa, Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni

Parlament Ewropew - Spokesperson: Jaume Duch Guillot

Numru tas-'switchboard' (32-2) 28 33000